# MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA  2013 – 2017**

**SEDUTA NRU 15**

**IL-TNEJN  17  TA' MARZU  2014 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA**

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |

1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

**2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**2.1 Is-Sindku Max Zammit staqsa lil-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace rigward it-twinning u l-proccess. L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace wieġeb li kiteb lid-Dipartiment u dawn se jtuh l-informazzjoni kollha necessarja.**

**2.2 Is-Sindku Max Zammit qal li peress li l-ftehim tax-xiri tal-ilma tax-xorb kien spiċċa huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill flok jixtri l-ilma fil-fliexken, jgħamel sistema ta' Reverse Osmosis sabiex il-Kunsill ikun jista jiffranka l-flus.**

**Għaldaqstant il-Kunsill ħa ħsieb sabiex iġib kwottazzjonijiet sabiex jinxtara dan ir-Reverse Osmosis. Is-Sindku Max Zammit spjega li l-ilma li ma jkunx tajjeb għax-xorb li joħroġ mill-proċċessar tar-Reverse Osmosis is-sistema tħallik li l-ilma jinġabar f'post t'apposta sabiex dan l-ilma aktar il quddiem ikun jista jintuża.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat ma qabilx ma din il-proposta peress li huwa qal li l-ilma ħażin li jiġi ġġenerat fis-sistema ma jkunx tajjeb għal xejn.**

**Is-Sindku Max Zammit ippropona li għandha ssir laqgħa mal-kumpanija tar-Reverse osmosis sabiex il-Kunsill ikun jaf eżatti kif taħdem is-sistema kompluta sabiex wara l-Kunsill jiddeċiedi jekk hi viabbli is-sistema.**

**2.3 Is-Sindku Max Zammit rraporta li l-Kunsiller Frank Roe ltaqgħa ma waħda mill-iskrivani tal-Kunsill rigward it-Traffic Management, fejn sar rapport ta' fejn irridu jsiru it-Traffic Management.**

**2.4 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward is-servizz il-Kunsill jgħati lil pubbliku rigward il-ġbir ta' l-iskart riċċiklat (boroz grizi). Huwa qal li fil-preżent dan is-servizz qiegħed jingħata lil-Kunsill mingħand il-Green Mt.**

Is-Sindku qal li hu għamel meeting ma uffiċċjal tal-Green Pak li huma l-operaturi tal-ġbir tal-iskart, riċċiklar, sabiex jara jekk il-Kunsill jaqbilx ibiddel l-operatur li għandu preżenti.

Għaldaqstant is-Sindku stieden lil Kunsillieri sabiex jaraw il-kundizzjonijiet li l-Green Pak lesti jgħatu lil Kunsill.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament li jekk il-Kunsill iħoss li l-Green Pak ikunu se jgħatu servizz aħjar lil Kunsill, il-Kunsill għandu jagħażel dawn l-operaturi.

2.5 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-propost li għandu rigward il-bankijiet li hemm ix-Xatt specjalment dawk ta' fejn il-Mamma Mia, għax kien hemm ħafna lmenti li kienu qegħdin jitħammġu bil-ħmieġ ta' l-għasafar.

Is-Sindku Max Żammit spjega kif sab kumpanija tar-reklamar li wara diskussjonijiet mal-istess Sindku, offrew lil-Kunsill li jsiru bankijiet b'tinda minn fuq u b'hekk jilqa x-xemx u l-ħmieġ ma jaqax dirett fuq il-bankijiet. Dawn ikollhom reklam fuq il-bankijiet u l-maintenance, u t-tindif tagħhom isir mill-kumpanija bl-ebda spejjez involuti mill-Kunsill.

Is-Sindku Max Żammit semma wkoll kif din il-kumpanija joffru mapep go *stands* bir-reklam u fejn tkun ħaġa tajba li jkollna l-mappa ta' Ta' Xbiex fil-lokal. Semma kif kienet xi haga li kien ilu jippjana fuqha u jista juza din l-istess kumpanija sabiex jilhaq dan il-ghan. Madanakollu, is-Sindku nsista li din l-istess kumpanija barra li toffrilna l-mapep bl-*istands*, ittina wkoll kumpens finanzjarju mill-isponsors li jgibu ghall-beneficcju tal-Kunsill. Żied ukoll li jixtieq jaghmel bicycle-racks biex jippromwovu l-użu tar-roti bħala mezz ewlieni ta' transport pubbliku f'Ta' Xbiex. Insista li mizuri energy-friendly bhal dawn, jiffacilitaw is-sitwazzjoni tal-parkeggi u l-kwailta tal-arja fi ħdan il-lokal. Permezz ta' dawn il-bicycle-racks jkunu evitati sitwazzjonijiet xejn pjacevoli ta' roti li jispiccaw jintrabtu ma arbli tad-dawl, li jikkrejaw '*eyesore*' fil-lokal.

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward is-suġġerriment li kellu fejn ried li l-Kunsill ikellem mas-Sur Dieter Fenech l-owner tal-Blue

**2.5 contd…**

**Harbour biex naraw il-possibilta li nużaw l-parti li hemm bejn il-bankina u l-bini tal-Blue Harbour biex isiru *bicycle racks*. Hu qal li peress li hemm ħafna roti maqfulin mal-poles li hemm ix-Xatt qed ikun hemm geġwiġija sħiħa.**

**Il-Kunsill iddiskuttew dawn il-proposti.**

**Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.**

**2.7 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward il-*mobile toilets* li hemm ix-Xatt. Is-Sindku Max Zammit qal li dawn qegħdin jaħdmu sew issa u twaħħal is-*signage* bil-logo tal-Kunsill u *Public Convenience*.**

**2.8 Is-Sindku Max Żammit issuġġerrixxa li l-Kunsill ikollu *website* ġdida.**

**Dan peress li l-*website* eżistenti ilu ma jkun updated mis-sena 2005. Hu tkellem rigward kumpanija tal-*web design* ta' Bjorn Formosa li kienu qegħdin joffru l-prezz ta' 1180 euros fis-sena.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat offra li jġib *quotation* oħra**

**2.9 Is-Sindku tkellem rigward l-ECAD. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għall *seminar* li se jkun go Stockholm. Dawn kienu se jitilgħu tliet persuni li huma s-Sindku Max Żammit u żewġ Kunsilliera. Il-prezz ta' kollox li jinkludi l-*flights*, l-*accomodation* u l-*allowance* kien se jiġi ta' madwar 2,500 euros.**

**Il-Kunsill iddiskuttew dan.**

**Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.**

**2.9.1 Is-Sindku Max Żammit informa l-Kunsill li meta telgħa Brussels hu rrifjuta l-*allowance subsidy* biex jffranka l-flus tal-Kunsill.**

**2.9.2 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward ix-xewqa tiegħu li ssir Activity Calendar. Dan biex jitnizzel l-attivitajiet kollha li jkunu se jsiru mill-Kunsill Lokali matul is-sena. Tkellem rigward attivita li kien se jieħu ħsiebha l-Kunsilliera Frank Roe. Il-Kunsillier Frank Roe qal li kien qiegħed jipproponi ħarġa fiż-żmien tal-Għid. Dan kien se jikkonsisti minn dawra sal-monti tal-Birgu, żjara l-wirja tal-vari li hemm l-Birgu u ikla għal wara.**

**2.9.3 Is-Sindku Max Żammit qal li l-Kunsill rċieva lmenti ħabba l-gate li għamlu l-S&D Yachting ix-Xatt. L-ilmenti kienu li l-*gate* kien qiegħed ikun magħluq u mhux qed ikun hemm aċċess għad-dħul.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat u l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti riedu li jkun hemm rikjesta biex dan il-*gate* jibqa miftuħ anke meta jsiru l-berths tal-*pontoons***

**Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti ġie skuzat u telaq fis-7.15pm**

**2.9.4 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-parti tat-triq li jgħidulha fil-preżent Qasam Bini tal-Gvern. Hu ssuġġerrixxa li peress li din il-parti m'għandiex isem xtaq li kull Kunsillier jgħati s-suġġeriment tiegħu bħalha isem. Hu ssuggerrixxa li tissemma Patrick Holland. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerrixxa li din tibqa bl-isem ta' Kosbor peress li titkompla magħha.**

## 3 KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

**3.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat tkellem rigward il-kiosk li hemm ix-Xatt fil-parking tal-Yacht Marina għax qal li aħjar titneħħa għax kien qiegħed jingombra kull m'hemm.**

**3.2 il-Kunsillier Eugenio Muscat isuġġerrixxa li jsir patching u refreshing ta' *lines* ir-Rampa ta' Ta' Xbiex u Onorato Bres Street.**

**3.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat informa l-Kunsill li l-funtana li hemm ix-Xatt tad-dgħajsa ma kienietx qgħed taħdem.**

**3.4 il-Kunsillier Eugenio Muscat tkellem rigward il-problema li hemm ix-xatt fuq il-bajja. Hu qal li hemm bżonn li jsir passaġġ biex ikunu jistgħu jgħaddu *pushchairs* u *wheelchairs*.**

## 4 EGĦLUQ TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL

Il-laqgha tal-Kunsill spiccat fit-8.30pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jsir fl-24 ta' April 2014 fl-4.00pm.

Paul.J.Pace
Agent Segretarju Eżekuttiv

Max Zammit
Sindku